MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2010

Numru. 588/2003

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR CARLOS CORDINA**

**KONTRA**

**JOSEPH ZAHRA ta' 54 sena, iben Joseph u Grace nee' Zammit, imwieled l-Imqabba nhar il-05.02.1956, residenti fil-fond Zahraville, Triq l-Arloggar, Luqa, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 164456M;**
**MARIO AGIUS ta' 53 sena, iben Filippu u Terese nee' Buhagiar, imwieled Haz-Zebbug nhar it-12.02.1957, residenti fil-fond 65, Ortenzia, Triq Hal-Ward, Attard, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 145257M;**
**FRANKIE SCHEMBRI ta' 52 sena, iben Antonio u Antonia nee' Cassar, imwieled iz-Zejtun nhar is-26.08.1957, residenti fil-fond Framarg, Triq Guzeppi Montebello, Tarxien, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 599257M;**
**U PATRICK DALLI ta' 54 sena, iben Gio Maria u Joan nee' Spiteri, imwieled San Giljan nhar id-09.07.1955,**

**residenti fil-fond numru 50, Triq id-Dahla ta' San Tumas, Marsascala, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 521555M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmija Joseph Zahra, Mario Agius, Frankie Schembri, u Patrick Dalli li gew akkuzat talli:

1. Nhar l-20.05.2002, u fi zmien ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnhom u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, bhala d-detenturi tal-fabbriki Plant CJP u Black Top Ltd, u wkoll bhala rapprezentanti tas-socjetajiet Plant CJP Ltd u Black Top Ltd, jew bhala persuni li kellhom f'idejhom l-istess fond, b'mezzi qarrieqa, ikkommettew serq ta' kurrent elettriku ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, hin, u ammont:

2. U aktar talli fl-istess zmien ghamlu hsara fil-makkinarju u gumni ta' l-elettriku jew ikkagunaw telf ta' kurrent ta' l-elettriku li jammonta ghal Lm5,615.65;

3. U aktar talli fl-istess zmien ghamlu hsara jew kissru parti mill-meter tal-elettriku jew is-sigilli tieghu jew xi parti jew apparat jew is-sigilli taghhom, liema hsara tammonta ghal anqas minn Lm10.00 ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta.

Rat li aktar tard fil-mori tal-proceduri gew mibghuta l-Artikoli taht liema setghet tinstab htija, u cioe' 261(b)(c)(f), 263, 264, 267, 270, 278, 279, 325, 326 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ukoll illi moqrija l-Artikoli, l-imputati taw il-kunsens taghhom ghal proceduri sommarji;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ukoll it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza ssib il-bidu taghha f'Inkjesta Magisterjali ezebita fl-atti ta' dawn il-proceduri. Illi f'tali Inkjesta fil-fatt kien hemm konkluz illi kellhom jittiehdu passi kontra l-imputati in kwantu diretturi tal-Black Top Ltd (Agius, Schembri, u Zahra) u tas-socjeta' CJP Ltd, in kwantu ghall-imputati Zahra u Dalli. Fil-fatt irrizulta mill-istess Inkjesta li l-meter imbaghbas kien dak misjub fis-sub-station li hemm fis-siti tas-socjetajiet hawn imsemmija. F'dan ir-rigward ghalhekk l-Ufficjal Prosekutur ezebixxa l-Memorandum and Articles tas-socjetajiet sotto menzjonati (Dok NL u Dok NL 1 , folio 127 – 128).

Illi rrizulta mill-istess Inkjesta li l-Ufficjal ta' l-Enemalta kif ukoll l-espert tal-Qorti (mahtur fl-Inkjesta) sabu waqt l-access diversi sigilli maqtughin, b'dan li gie kontestat serq ta' elettriku fl-ammont dedott fl-akkuza. Ghalhekk Mario Cassar, ufficjal ta' l-Enemalta, li kien wiehed milli sab l-imsemmija sigilli maqtughin fis-sub-station spjega li c-cwievet ta' din is-sub-station suppost kienu f'idejn l-impjegati ta' l-Enemalta biss. Xehed illi s-sub-station tkun imsakkra tant li biex infethet, hu kien gab ic-cavetta mill-power station u ffirma ghaliha. Spjega li kopja ohra ta' din ic-cavetta kienet tezisti fid-distrett ta' l-Enemalta gewwa Hal-Luqa. Ma kienx jaf jirrispondi din l-ahhar cavetta kinitx f'postha jew le. Xehed illi meta nfethet is-sub-station il-lock ma kienx sgassat u li fethu b'cavetta normali.

Illi minn naha taghhom l-imputati kollha xehdu minn jeddhom u cahdu xi nvolviment f'dawn ir-reati lilhom addebitati.

Ftit frankament ghandha xi tghid din il-Qorti in vista' tax-xhieda skansa prodotta. Huwa vera li l-Artikolu 264 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jikkrea nverzjoni ta' l-onu tal-prova *iuris tantum*, pero xorta l-Prosekuzzjoni jibqaghlha l-obbligu li ggib il-provi li jsostnu l-akkuza

taghha – frankament dawk prodotti ma jaghmlu ebda ness bejn l-imputati u r-reat, specjalment in kwantu dak depost fuq ic-cwievet. Fil-fatt illi t-tieni cavetta - dik tad-distrett, qatt ma gie pruvat fejn kienet u aktar u aktar tenut kont illi fil-lock tas-sub station ma nstab ebda sgass.

Xejn izjed m'ghandha x'izzid din il-Qorti, hlief ghall-fatt illi l-pussess tas-sit tas-sub station, il-fond tas-socjetajiet imsemmija wahdu, ma jistax bhala prova wahdu jwassal ghall-htija ta' l-imputati. Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tilliberahom mil-akkuzi lilhom kollha addebitati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------